MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 421/2003

Xuereb Installations Ltd
Vs
Pyramid Hotels Limited

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-aturi, wara li **ppremettew**:

illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' tnejn u hamsin elf disa mija u wiehed u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (LM 52,961.95) prezz ta' prodotti u materjal ta' gypsum u xoghol ta' installazzjoni ta' l-istess prodotti u materjal kif ukoll prezz ta' prodotti, materjal u xoghol relatat, liema prodotti u materjal gew mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici u liema xoghol sar mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta;

illi s-socjeta konvenuta, nonostante l-fatt illi giet diversi drabi interpellata thallas, baqghet inadempjenti.

**Talbet** is-socjeta konvenuta tghid, l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u invista tal-affidavit ta’ Frank Xuereb (Dok A) m’ghandux minn din il-Qorti:

1. Tigi kundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ tnejn u hamsin elf disa mija u wiehed u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (LM 52,961.95) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u l-imghax legali mit-02 ta’ April 2003 kontra is-socjeta konvenuta, ir-rapprezentant ta’ liema socjeta’ f’proceduri gudizzjarji u minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici guramentata minn Frank Xuereb u l-lista tax-xhieda;

Rat l-affidavit ta’ l-istess Frank Xuereb.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra is-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------